IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2017
COM(2017) 329 final

2017/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-armonizzazzjoni tal-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (“ir-Regolament dwar l-ING”) li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-introjtu nazzjonali gross (ING) jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-akbar sehem ta' riżorsi proprji fil-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (ir-"Regolament GNI")[1] jistabbilixxi l-bażi statistika għall-kalkolu u l-verifika tal-istatistika tal-ING għar-riżorsi proprji.

Il-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li jiġi rivedut ir-Regolament GNI għar-raġunijiet li ġejjin:

– Id-"Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji" l-ġdida, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[2], ġiet adottata fis-26 ta' Mejju 2014 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2016. Din id-Deċiżjoni tistipula li għall-finijiet tar-riżorsi proprji, l-ING tal-Istati Membri għandu jiġi definit skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (l-ESA 2010)

– L-ESA 2010[3] ġiet adottata fil-21 ta' Mejju 2013 u f'Settembru 2014 saret l-istandard il-ġdid għall-kalkolu tal-kontijiet nazzjonali fl-UE. Din tieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità[4] (l-ESA 95).

– Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Kisba ta' *data* korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni"[5], fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar modi ta' kif din il-ħidma tista' titjieb.

– Il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċenju li ġej"[6] fost l-oħrajn tistabbilixxi proposti għall-integrazzjoni ta' proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika, bħall-armonizzazzjoni tad-dati tat-trażmissjoni tad-dejta tal-kontijiet nazzjonali u l-integrazzjoni tagħhom f'sistema waħda tal-IT.

– Peress li d-dejta tal-ING tintuża għal finijiet oħra minbarra r-riżorsi proprji u sabiex tinżamm l-integrità tal-istatistika, bażi ġuridika differenti għall-produzzjoni tal-istatistika, l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), titqies li tkun aktar xierqa mill-bażi ġuridika attwali, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej[7], li, fi kwalunkwe każ, ġiet imħassra.

– Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESS) iddeċidiet li tikkonċentra s-setgħat tal-komitoloġija tagħha f'kumitat wieħed, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika

[1] ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1.
[2] ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
[3] ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.
[4] ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.
[5] ĠU C 362, 12.12.2013, p. 2.
[6] COM(2009) 404 tal-10.8.2009.
[7] ĠU L 253, 7.10.2000, p. 42.

(l-ESSC); dan ifisser li l-Kumitat tal-ING attwali jenħtieġ li jiġi sostitwit minn grupp ta' esperti formali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta fiha kontenut li huwa simili ħafna tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-proposta se jinqasmu bejn Regolament adottat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew u Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddefinixxi l-ħidma tal-grupp formali ta' esperti li se jieħu post il-Kumitat tal-ING.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea tinsab fl-Artikolu 338 tat-TFUE. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw il-miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika skont l-Artikolu 338(1) sabiex fejn ikun meħtieġ l-UE tkun tista' taqdi r-rwol tagħha. L-Artikolu 338(2) jistabbilixxi r-rekwiżiti relatati mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea, li jistipulaw li din trid tkun konformi mal-istandards tal-imparzjalità, tal-affidabbiltà, tal-oġġettività, tal-indipendenza xjentifika, tal-kosteffettività u tal-kunfidenzjalità tal-istatistika.

L-użu tal-Artikolu 338(1) tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika jfisser bidla mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 li l-bażi ġuridika tiegħu kienet l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni preċedenti dwar ir-riżorsi proprji, id-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom. Id-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji l-ġdida (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom) ma fiha l-ebda bażi ġuridika simili għall-adozzjoni ta' Regolament ġdid dwar l-ING.

L-għan ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa li l-ING jiġi allinjat mar-Regolament (UE) Nru 549/2013 li l-bażi ġuridika tiegħu hija wkoll l-Artikolu 338(1). Barra minn hekk, id-dejta tal-ING tintuża għal finijiet oħra minbarra r-riżorsi proprji, b'mod partikolari l-politiki ekonomiċi nazzjonali u diversi politiki tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Artikolu 338(1) tat-TFUE jikkostitwixxi bażi ġuridika rilevanti u xierqa. Permezz tal-Artikolu 338(1) tat-TFUE, huwa possibbli li tiġi meqjusa u appoġġata l-politika deskritta fid-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-riżorsi proprji u fl-istess waqt jiġi enfasizzat l-aktar kontenut statistikament estensiv ta' dan ir-Regolament il-ġdid propost.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma tkunx fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

Il-proposta għal dan ir-Regolament tfasslet bil-għan li jissaħħu l-komparabilità, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-ING aggregat. Id-dejta tal-ING tista' tiġi vverifikata biss fil-livell tal-UE biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-UE. L-Istati Membri li jaġixxu b'mod indipendenti ma jistgħux jilħqu biżżejjed l-għanijiet tal-azzjoni proposta sabiex ikunu żgurati l-komparabilità, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza. L-azzjoni tista' tittieħed b'aktar effiċjenza fil-livell tal-UE abbażi ta' att legali tal-UE.

Għalhekk l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'dan il-qasam b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tkopri l-ġbir tad-dejta tal-ING. Skont l-Artikolu 10(1) tal-ESA 2010, li huwa dispożizzjoni tranżitorja, l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir tar-riżorsi proprji jenħtieġ jibqgħu l-ESA 95, filwaqt li tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej[8]. Id-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom issa ġiet sostitwita, u għalhekk il-ġbir tad-dejta tal-ING jeħtieġ jiġi adattat kif xieraq.

Il-bidliet proposti għas-sitwazzjoni skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 jikkonsistu fl-adattament tar-rappurtar tad-dejta tal-ING lill-ESA 2010 u fl-introduzzjoni tal-ESSC bħala l-kumitat tal-komitoloġija rilevanti minflok il-Kumitat tal-ING bħala parti minn struttura ġdida tal-ESS biex jitjiebu l-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-ESS, bl-ESSC bħala l-ogħla korp strateġiku. Fi Frar 2012,[9] l-ESSC appoġġa dan l-approċċ il-ġdid.

Dan ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tar-Regolament.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument huwa l-istess wieħed użat fil-leġiżlazzjoni attwali. Madankollu, ladarba dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, fil-futur se tkun meħtieġa Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-grupp ta' esperti tal-ING.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT.

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Għandu jiġi nnutat li dan ir-Regolament huwa aġġornament sempliċi ta' dak eżistenti, li huwa meħtieġ biex iqis il-bażi ġuridika l-ġdida, id-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-riżorsi proprji u l-leġiżlazzjoni relatata, l-ESA 2010, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-awditu speċjali tagħha.

Abbażi tal-istandards tal-Kummissjoni, intużat is-sistema tal-Eurostat għall-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż l-evalwazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika[10], u din kienet parti ewlenija mill-proċess kollu. Barra minn hekk, kull sena jsiru stħarriġiet tal-utenti biex jinkiseb tagħrif aħjar dwar l-utenti, il-ħtiġijiet u s-sodisfazzjon tagħhom bis-servizzi tal-Eurostat. Il-Eurostat juża r-riżultati tal-evalwazzjoni biex itejjeb il-proċess tal-produzzjoni tal-informazzjoni tal-istatistika u l-output tiegħu tal-istatistika. Dawn jikkontribwixxu għal diversi pjanijiet strateġiċi, bħall-programm ta' ħidma u l-pjan ta' ġestjoni.

Sal-2013 fuq il-prodotti tal-Eurostat saru reviżjonijiet kontinwi u regolari fost il-partijiet ikkonċernati (l-utenti u l-Istati Membri). L-aktar reviżjoni reċenti għall-Kontijiet Nazzjonali

8 ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
9 It-12-il laqgħa tal-ESSC fit-12 ta' Frar 2012.
10 Ara http://ec.europa.eu/eurostat/web/quality/evaluation

saret fl-2010[11]. Il-kopertura kienet is-sett sħiħ tal-kontijiet nazzjonali, iżda s-sejbiet huma rilevanti għall-ING li huwa aggregat prinċipali.

Is-sodisfazzjon tal-utenti mkejjel permezz tal-Indiċi ta' Sodisfazzjon (SI)[12] skont għadd ta' fatturi. L-SI għall-komparabbiltà bejn il-pajjiżi u r-reġjuni (element prinċipali f'din il-proposta) kien 0.8. Ġiet implimentata rakkomandazzjoni dwar it-titjib tal-metadejta.

Rigward il-Kumitat tal-ING, li se jiġi sostitwit minn grupp ta' esperti formali, kien hemm punteġġi għoljin fl-Indiċi ta' Sodisfazzjon dwar il-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu u jħejju d-deċiżjonijiet fi ħdan il-Kumitat tal-ING (1.0), ir-rwol tal-Kumitat tal-ING fil-kontribut għall-iżvilupp ta' metodoloġija fil-qasam tal-Kontijiet Nazzjonali (1.0) u l-effettività ġenerali tal-Kumitat tal-ING (0.83). Fir-rigward ta' dan tal-aħħar u bi tweġiba għall-kummenti ħielsa, sar titjib fir-rigward tal-lingwa tal-laqgħat (u issa qed isiru bl-Ingliż għax l-interpreti mhux dejjem kienu jifhmu sew il-kwistjonijiet tekniċi) u d-disponibbiltà tal-inventarji tal-ING. Barra minn hekk, ġiet implimentata proposta biex tinstab l-aħjar soluzzjoni metodoloġika għall-kalkolu u l-allokazzjoni tal-FISIM.

Kull sena, il-Kumitat tal-ING, waqt il-laqgħa li ssir fil-ħarifa, jagħti opinjoni dwar l-adegwatezza tad-dejta tal-ING għall-finijiet tar-riżorsi proprji. L-opinjoni dejjem kienet tkun pożittiva.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ġiet diskussa fid-dettall fil-laqgħat tal-Kumitat tal-ING fl-2012 (żewġ sessjonijiet), fl-2013 (żewġ sessjonijiet), fl-2015 (sessjoni waħda) u fl-2016 (żewġ sessjonijiet). Hemm appoġġ għall-proposta dwar it-trażmissjoni tad-dejta u tar-rapporti dwar il-kwalità, l-inventarji tal-ING, l-integrazzjoni mtejba tal-Kumitat tal-ING fl-istruttura ta' governanza ġenerali tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), il-proċedura ta' verifika u ż-żjarat ta' informazzjoni. Il-Kumitat tal-ING jilqa' l-allinjament tal-proposta tad-data tan-notifika tal-ING mal-programm ta' trażmissjoni tal-ESA u d-data tan-notifika tal-EDP tat-30 ta' Settembru.

Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) approva t-test fil-laqgħa tiegħu li saret f'Mejju 2013 u ġie kkonsultat dwar test rivedut f'Mejju 2017. Waqt il-laqgħa d-diretturi tal-istatistika makroekonomika ġew ukoll infurmati b'mod regolari dwar l-iżviluppi.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fl-Istati Membri ġew ikkonsultati fi ħdan il-qafas tal-Kumitat tal-ING u waqt il-laqgħa tad-diretturi tal-istatistika makroekonomika (ara hawn fuq).

Din il-proposta tinkorpora wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħha dwar l-ING.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta timponi anqas piż fuq l-Istati Membri mis-sitwazzjoni attwali għax jekk ma ssirx bidla għall-ESA 2010 għar-riżorsi proprji, l-Istati Membri jaf ikollhom bżonn jipproduċu sett

[11] http://ec.europa.eu/eurostat/documents/64157/4375784/08-National+Accounts-RR-2011.pdf/

[12] L-Indiċi ta' Sodisfazzjon (SI) huwa definit bħala l-għadd ta' opinjonijiet pożittivi ("tajjeb" jew "tajjeb ħafna") li minnu jitnaqqas l-għadd ta' dawk negattivi ("ħażin" jew "ħażin ħafna"), diviż bl-għadd tal-opinjonijiet pożittivi u dawk negattivi. Jista' jieħu valuri bejn -1 u 1. Dan hu 1 jekk l-ebda klassifikazzjoni ma tkun "ħażin" jew "ħażin ħafna", u hu -1 jekk l-ebda klassifikazzjoni ma tkun "tajjeb" jew "tajjeb ħafna".

doppju ta' kontijiet, wieħed fuq kull standard. Is-sinkronizzazzjoni tat-trażmissjoni tad-dejta tar-riżorsi proprji tal-ING mat-trażmissjoni tad-dejta għal finijiet oħrajn ta' kontabbiltà nazzjonali (eż. l-aggregati tal-kontijiet nazzjonali, l-istatistika dwar id-dejn u d-defiċit eċċessiva) ukoll tnaqqas il-piż tar-rappurtar għall-Istati Membri.

Il-bidla għall-ESA 2010 se ttejjeb il-kwalità tad-dejta użata għar-riżorsi proprji tal-ING.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tissodisfa l-għanijiet tas-simplifikazzjoni tal-programm REFIT parzjalment billi tissinkronizza t-trażmissjoni tad-dejta għar-riżorsi proprji tal-ING mat-trażmissjoni tad-dejta għal finijiet ta' kontabilità nazzjonali oħrajn u parzjalment billi tibdel għall-ESA 2010 għar-riżorsi proprji sabiex jiġi evitat li l-Istati Membri jipproduċu sett doppju ta' kontijiet, wieħed fuq l-ESA 2010 u ieħor fuq l-ESA 95.

Peress li l-proposta taffettwa biss lill-kontabilisti nazzjonali fl-Istati Membri, in-negozji mhumiex affettwati mill-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda riżorsa baġitarja addizzjonali mhi meħtieġa.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Bħal fil-każ tar-Regolament GNI attwali, wara tliet snin mistenni jsir rapport dwar l-applikazzjoni, jiġifieri qabel il-31 ta' Diċembru 2022. Dan se jkopri kwistjonijiet bħalma huma l-puntwalità u l-kwalità tal-inventarji tal-ING u tad-dejta tal-ING, il-funzjonament tal-ESSC u l-grupp formali ta' esperti u t-titjib li sar fl-ING.

Sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-evalwazzjoni għandha ssir skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar[13].

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-preparazzjoni ta' dak ir-Rapport.

Il-verifika tal-ING għar-riżorsi proprji tiġi eżaminata bir-reqqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kapitolu "Dħul" tar-rapport annwali tagħha.

L-attivitajiet f'dan il-qasam jiġu rrappurtati fil-laqgħa tad-diretturi tal-istatistika makroekonomika darbtejn fis-sena.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Ebda.

[13] SWD(2015) 111.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-istruttura tal-proposta hija bbażata fuq ir-Regolament GNI attwali. It-tibdiliet ewlenin huma ppreżentati fil-qosor kif ġej:

Preambolu u premessi

Biex tiġi enfasizzata l-integrità tal-istatistika waqt it-tħejjija u l-armonizzazzjoni tal-ING, il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 338(1) tat-TFUE. Ġiet miżjuda referenza għal-liġi l-ġdida dwar l-istatisitika[14] u l-kodiċi ta' prattika tal-istatistika Ewropea[15] kif ukoll referenzi għal-leġiżlazzjoni tar-riżorsi proprji.

Artikolu 1: Definizzjoni

Dan l-artikolu jiddefinixxi l-PDG u l-ING. Ma hemm l-ebda bidla sostanzjali; dan huwa aġġornament tal-istandard li għandu jintuża fil-bidla mill-ESA 95 għall-ESA 2010.

Artikolu 2: It-trażmissjoni tad-dejta, ir-reviżjonijiet u r-rapporti ta' kwalità

Qed jiġi propost li d-dejta tintbagħat lill-Eurostat sat-30 ta' Settembru minflok sat-22 ta' Settembru. Dan sabiex tiġi sinkronizzata mad-dejta ta' trażmissjonijiet oħra tad-dejta ta' kontijiet nazzjonali u biex għaldaqstant jonqos il-piż tar-rispons fuq l-Istati Membri.

Artikolu 3: l-inventarju tal-ING

L-adattament għall-ESA 2010. Minħabba t-tul tal-proċedura biex tiġi ratifikata l-leġiżlazzjoni tar-riżorsi proprji, diġà għaddiet l-iskadenza sa meta kellhom jintbagħtu l-inventarji. Dan l-Artikolu jipprevedi wkoll skeda taż-żmien għall-aġġornament tal-inventarji.

Artikolu 4: Il-grupp ta' esperti tal-ING

Il-Kummissjoni ppproponiet struttura ġdida tal-ESS biex titjieb il-koordinazzjoni u s-sħubija fi struttura piramida ċara fi ħdan l-ESS, bl-ESSC bħala l-ogħla korp strateġiku. Aspett wieħed ta' din is-simplifikazzjoni huwa li s-setgħat ta' komitoloġija jingħataw f'idejn l-ESSC. Fi Frar 2012,[16] l-ESSC appoġġa dan l-approċċ ġdid. B'riżultat ta' dan, il-ħidma li mhix ta' komitoloġija mwettqa bħalissa fil-Kumitat tal-ING, li tinkludi opinjoni annwali dwar l-adegwatezza tad-dejta tal-ING ippreżentata kull sena mill-Istati Membri għar-riżorsi proprji se tkun ir-responsabbiltà ta' grupp formali ġdid ta' esperti li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni. Id-definizzjoni ta' ħafna mill-kompiti li mhumiex ta' komitoloġija definiti fir-Regolament GNI għall-Kumitat tal-ING issa tgħaddi għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 5: Proċedura ta' verifika. Kjarifiki dwar l-implimentazzjoni korretta tal-ESA. Titjib fil-proċeduri ta' kompilazzjoni

Il-Kummissjoni se tibqa' responsabbli għall-verifikazzjoni tas-sorsi u tal-metodi tal-ING. Bl-adozzjoni tal-ESA 2010, il-Kummissjoni se ssir ukoll responsabbli għall-kjarifika tal-implimentazzjoni korretta tal-ESA 2010.

Artikolu 6: Żjarat ta' informazzjoni

Il-kliem tar-Regolament GNI attwali jippermetti ż-"żjarat ta' informazzjoni", iżda mhuwiex ċar dwar x'għandhom jinvolvu. Dawn iż-żjarat jistgħu jħarsu lejn kwistjonijiet "kwalitattivi" (jiġifieri l-konformità mal-ESA 2010) jew "kwantitattivi" (jiġifieri l-verifika diretta tal-kalkoli). Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat lill-Kummissjoni (Eurostat) sabiex tiffoka aktar fuq dawn tal-aħħar.

14 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

15 Approvat mill-ESSC fit-28 ta' Settembru 2011.

16 It-12-il laqgħa tal-ESSC, it-12 ta' Frar 2012.

Jeżisti tip differenti ta' żjarat ta' informazzjoni għall-ING minn dawk għar-riżorsi proprji l-oħra għax, filwaqt li l-Eurostat aktarx għandu aktar għarfien dwar il-metodoloġija tal-ESA, fl-Istati Membri huwa aktar prevalenti l-għarfien espert prattiku tal-implimentazzjoni ta' dik il-metodoloġija għall-produzzjoni ta' stimi nazzjonali.

Artikolu 7

L-ESSC għandu r-rwol li jassisti lill-Kummissjoni bl-adozzjoni tal-miżuri ta' komitoloġija meħtieġa għall-armonizzazzjoni tal-ING. Għalhekk, l-ESSC se jieħu post il-Kumitat tal-ING għax dan mhux se jibqa' jeżisti.

Artikolu 8: Rapport

Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 9: Tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Bit-tħassir tar-Regolament GNI u tad-Direttiva tal-PGN attwali, id-deċiżjonijiet magħmula taħt dawn l-istrumenti jeħtieġ li jinżammu.

2017/0134 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-armonizzazzjoni tal-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq ("ir-Regolament dwar l-ING") li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-sehem li qed jiżdied tar-riżorsi proprji tal-Unjoni bbażat fuq l-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq ("ING") tal-Istati Membri joħloq il-ħtieġa li jiġu infurzati aktar il-komparabiltà, l-affidabilità u l-eżawrjenza ta' dan l-aggregat.

(2) L-integrità tal-istatistika permezz tar-rispett tal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea kif rivedut u aġġornat mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika fit-28 ta' Settembru 2011, u tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], hija ta' importanza kbira meta l-istatistika tintuża direttament għal finijiet amministrattivi.

(3) Din id-dejta hija wkoll għodda analitika importanti għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika nazzjonali u għad-diversi politiki tal-Unjoni.

(4) B'konformità mal-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom, għall-finijiet tar-riżorsi proprji, l-ING għandu jfisser l-ING annwali bil-prezz tas-suq, kif previst fl-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 ("ESA 2010"). Barra minn hekk, b'konformità mal-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE,

---

17 Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)

Euratom[18], u soġġetta għall-Artikolu 10(2) tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom[19] ġiet imħassra.

(5) Huwa essenzjali li d-dejta tal-ING tkun komparabbli u għalhekk id-definizzjonijet u r-regoli tal-kontabilità relevanti tal-ESA 2010 għandhom jiġu rispettati. Għal dak il-għan, il-proċeduri ta' valutazzjoni u d-dejta bażika użati bħalissa jenħtieġ li jippermetu l-applikazzjoni korretta tad-definizzjonijiet u tar-regoli tal-kontabbiltà tal-ESA 2010.

(6) Huwa essenzjali li s-sorsi u l-metodi użati għall-kompilazzjoni tal-ING ikunu affidabbli. Dan ifisser li kemm jista' jkun għandhom jiġu applikati tekniki tajba għal statistika bażika li tkun robusta, adatta u aġġornata.

(7) Huwa essenzjali li d-dejta tal-ING tkun eżawrjenti u għaldaqstant għandha tqis ukoll l-attivitajiet li ma jiġux irrappurtati fl-istħarriġ statistiku jew lill-awtoritajiet fiskali, soċjali u lil awtoritajiet amministrattivi oħra. Kopertura mtejba tal-ING tassumi l-iżvilupp ta' bażijiet statistiċi u ta' proċeduri ta' valutazzjoni xierqa kif ukoll li jsiru aġġustamenti xierqa.

(8) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz tal-provvediment ta' dejta tal-ING għal finijiet tar-riżorsi proprji, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri li jikkonċernaw l-inventarju tas-sorsi u l-metodi użati għall-kalkolu tal-ING u l-komponenti tiegħu skont l-ESA 2010 u miżuri maħsuba sabiex itejbu l-komparabilità, l-affidabilità u l-eżawrjenza tal-ING tal-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(9) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014[21] jipprevedi żjarat ta' spezzjoni fl-Istati Membri bil-għan li jiġu vverifikati r-riżorsi proprji. Minbarra dawk l-ispezzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun intitolata twettaq żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING sabiex ikun żgurat li d-dejta tal-ING tkun komparabbli, affidabbli u eżawrjenti. Il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fiż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING fi Stati Membri oħrajn jenħtieġ li tikkontribwixxi għat-trasparenza tal-proċess ta' verifika tal-ING.

(10) B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESSC) intalab sabiex jipprovdi l-gwida professjonali tiegħu.

(11) Il-Kumitat tal-ING imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003[22] ta opinjonijiet kif ukoll ta parir u assista lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tiegħu. Bl-istrateġija għal struttura ġdida tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika biex jitjiebu l-koordinazzjoni u s-sħubija permezz ta' struttura piramida ċara fi ħdan is-Sistema, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-

---

[18] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17).

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 608/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 29).

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (Regolament GNI) (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1).

Istatistika, stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għandu jkollu rwol konsultattiv u jassisti lill-Kummissjoni waqt li tkun qed teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha. Għal dan il-għan, il-Kumitat tal-ING jenħtieġ li jiġi sostitwit mill-ESSC bil-għan li jassisti lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha skont ir-Regolament attwali. Madankollu, għall-finijiet ta' funzjonijiet oħra li qabel kienu jsiru mill-Kumitat tal-ING skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, u li mhumiex relatati ma' assistenza fl-eżerċizzju tal-poteri tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi grupp formali ta' esperti biex jassistiha f'għanijiet oħra bħal dawn.

(12) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom[23] u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 stabbilew proċedura għall-verifika u l-valutazzjoni tal-komparabiltà, l-affidabilità u l-eżawrjenza tal-GNP u l-ING fi ħdan il-Kumitati tal-GNP u tal-ING li fihom l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib. Din il-proċedura jenħtieġ tiġi aġġustata biex tqis l-użu tal-ING skont l-ESA 2010 għall-finijiet tar-riżorsi proprji, l-iskeda taż-żmien riveduta biex isiru disponibbli r-riżorsi proprji u l-iżviluppi reċenti fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Għalhekk dawk l-atti jenħtieġ li jitħassru,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Definizzjoni u kalkolu tal-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq

Artikolu 1

1. L-introjtu nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (ING) u l-prodott domestiku gross bi prezzijiet tas-suq (PDG) għandhom ikunu definiti skont is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali (ESA 2010), stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

2. Skont il-punt 8.89 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, il-PDG huwa r-riżultat finali tal-attività ta' produzzjoni tal-unitajiet tal-produtturi residenti. Dan jista' jiġi definit bi tliet modi:

(a) approċċ tal-produzzjoni: Il-PDG hu s-somma tal-valur gross miżjud tad-diversi setturi istituzzjonali jew id-diversi industriji bl-addizzjoni tat-taxxi u t-tnaqqis tas-sussidji fuq il-prodotti (li mhumiex allokati għal setturi u industriji). Huwa wkoll l-entrata saldatorja fil-kont tal-produzzjoni tal-ekonomija totali;

(b) approċċ tan-nefqa: Il-PDG hu s-somma tal-użi finali tal-oġġetti u s-servizzi minn unitajiet istituzzjonali residenti (konsum finali u formazzjoni grossa ta' kapital), bl-addizzjoni tal-esportazzjonijiet u t-tnaqqis tal-importazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi;

(c) approċċ tal-introjtu: Il-PDG hu s-somma tal-użi fil-kont tal-ġenerazzjoni tal-introjtu tal-ekonomija totali (kumpens tal-impjegati, taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet nieqes is-sussidji, eċċess operattiv gross u introjtu mħallat tal-ekonomija totali).

3. Skont il-punt 8.94 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, l-ING jirrappreżenta l-introjtu primarju totali riċevibbli minn unitajiet istituzzjonali residenti: il-kumpens ta'

[23] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizzazzjoni u il-kumpilazzjoni tal-prodott nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (ĠU L 49, 21.2.1989, p. 26).

impjegati, it-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet mingħajr is-sussidji, l-introjtu mill-proprjetà (ir-riċevibbli mingħajr il-pagabbli), l-eċċess operattiv gross u l-introjtu mħallat gross. L-ING huwa daqs il-PDG meta minnu jitnaqqas l-introjtu primarju pagabbli minn unitajiet istituzzjonali residenti lil unitajiet istituzzjonali mhux residenti u jiżdied l-introjtu primarju riċevibbli minn unitajiet istituzzjonali residenti mill-bqija tad-dinja.

Kapitolu II

It-trażmissjoni tad-dejta tal-ING u informazzjoni oħra

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ING b'konformità mal-Artikolu 1 fil-kuntest tal-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali regolari.

2. Qabel l-aħħar ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), fil-kuntest tal-proċeduri tal-kontijiet nazzjonali, iċ-ċifri għall-ING aggregat u l-komponenti tiegħu, b'konformità mad-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Is-somom totali għall-PDG u l-komponenti tiegħu jistgħu jiġu ppreżentati skont it-tliet approċċi msemmija fl-Arikolu 1(2). Iċ-ċifri pprovduti għandhom ikopru s-sena preċedenti u kull tibdil li sar fiċ-ċifri tas-snin preċedenti.

3. Meta jikkomunikaw id-dejta msemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu rapport dwar il-kwalità tad-dejta tal-ING lill-Kummissjoni (il-Eurostat). Ir-rapport għandu jipprovdi l-informazzjoni neċessarja biex juri kif intlaħaq l-aggregat, u b'mod partikolari għandu jiddeskrivi kull tibdil sinifikanti fis-sorsi u fil-metodi użati u jispjega r-reviżjonijiet li saru fl-istimi tal-ING preċedenti.

Artikolu 3

1. Biex tkun żgurata l-konformità mal-ESA 2010, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) b'inventarju tas-sorsi u l-metodi użati għall-kalkolu tal-ING u l-komponenti tiegħu skont l-ESA 2010.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istruttura u l-kontenut dettaljati tal-inventarju msemmi fil-paragrafu 1, kif ukoll l-iskeda taż-żmien għall-aġġornament tiegħu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).

3. Biex jiġu ffaċilitati l-analiżijiet paragunabbli tal-konformità, il-Kummissjoni għandha tfassal inventarju gwida bil-koperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' esperti msemmi fl-Artikolu 4.

Kapitolu III

Il-Proċeduri u l-kontrolli fuq il-kalkolu tal-ING

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp formali ta' esperti, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, biex jagħti pariri lill-Kummissjoni u biex jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar il-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-kalkoli tal-ING, sabiex jiġu eżaminati kwistjonijiet ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tinħareġ opinjoni annwali dwar l-adegwatezza tad-dejta tal-ING mibgħuta mill-Istati Membri għall-finijiet tar-riżorsi proprji.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tivverifika s-sorsi u l-metodi fl-inventarju msemmi fl-Artikolu 3(1). F'dan il-kuntest għandu jintuża mudell ta' verifika, imfassal mill-Kummissjoni bil-koperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta' esperti msemmi fl-Artikolu 4. Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' evalwazzjoni bejn il-pari u tal-kosteffettività.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri sabiex id-dejta tal-ING tkun aktar komparabbli, affidabbli u eżawrjenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2).

Artikolu 6

1. Mingħajr preġudizzju għall-ispezzjonijiet previsti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 608/2014, iż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING, fejn xieraq, jistgħu jsiru fl-Istati Membri mill-Kummissjoni (il-Eurostat).

2. Meta twettaq żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri, il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' titlob l-assistenza ta' esperti nazzjonali tal-kontabbiltà li jirrappreżentaw l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.

L-esperti nazzjonali tal-kontabilità għandhom ikunu rreġistrati fuq lista kostitwita abbażi ta' proposti volontarji mibgħuta lill-Kummissjoni (il-Eurostat) mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-rappurtar tal-kontijiet nazzjonali.

Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dawk iż-żjarat hija volontarja.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 8

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Id-Direttiva 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 jitħassru.

Ir-referenzi għall-atti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Il-President*	*Għall-Kunsill* *Il-President*